# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 28 ta' Jannar 2002**

**Numru 5**

**Avviz. numru 116/01mm**

**Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**Manuel Montesin**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-korporazzjoni attrici fil-15 ta' Frar 2001 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta' mitejn u tmienja u hamsin lira maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm258.95c) rapprezentanti danni minnu kkagunati f'arblu tad-dawl proprjeta' tal-Korporazzjoni attrici u liema danni gew ikkagunati nhar il-31 ta' Lulju 1996 gewwa Mdina Road, Zebbug.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta' Frar 1998, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-ittra ufficjali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma preskritti bid-dekors ta' sentejn.

2. Illi t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenut mhux responsabbli ghad-danni msemmija fl-avviz.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi bil-verbal tas-seduta tas-17 ta' Jannar 2002 il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni ta' preskrizzjoni mqajjma mill-konvenut. Dan l-artikolu jippreskrivi terminu ta' sentejn ghall-azzjonijiet ghal hlas ta' hsarat mhux ikkagunati b'reat.

Irrizulta mill-provi illi fil-31 ta' Lulju 1996 ghal habta tat-tmienja u nofs ta' filghaxija (8:30p.m.) il-vettura S-1188 misjuqa minn Manuel Montesin baqghet diehla go arblu tad-dawl quddiem l-istabbiliment ta' l-ATRANS go Haz-Zebbug.

Montesin iffirma dikjarazzjoni fejn accetta illi jaghmel tajjeb ghal hsarat subiti. Din id-dikjarazzjoni bil-miktub ghandha d-data 18 ta' Awissu 1996. Wara din id-data l-ewwel att gudizzjarju li rrizulta lill-Qorti hija l-prezentata ta' dan l-avviz fil-15 ta' Frar

2001. Il-fatt illi l-konvenut ghamel dikjarazzjoni bil-miktub ma tbiddilx it-terminu tal-preskrizzjoni li kien ghaddej favur tieghu. Bil-miktub jew le, t-terminu beda ghaddej dakinhar li huwa ammetta d-debitu fit-18 ta' Awissu 1996. Minn dak iz-zmien 'l hawn ghaddew aktar minn sentejn mill-prezentata ta' dan l-avviz, quindi dan it-terminu baqa ghaddej favur il-konvenut.

Skond l-avviz jidher li saret ittra ufficjali fis-26 ta' Frar 1998, izda ma rrizultax minn dawn l-atti jekk din l-ittra ufficjali gietx notifikata lill-konvenut jew le. Ghalhekk il-Qorti trid timxi fuq dak li ghandha quddiemha u cioe' l-avviz odjern li gie pprezentat fil-15 ta' Frar u notifikat lill-konvenut fit-28 ta' Frar 2001. Dana jippreskrivi l-azzjoni favur il-konvenut peress illi t-terminu preskrittiv kif stipulat fl-artikolu 2153 tal-Kodici Civili lahaq ghadda u issa l-azzjoni attrici ma tistax treggi fil-konfront ta' l-istess konvenut.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi, illi filwaqt li tiddikjara l-azzjoni attrici preskritta. Tichad it-talba, bl-ispejjez kontra l-istess korporazzjoni attrici.

Anthony Zammit

Dep Reg